**Il-Ħamis**

**It-III gimgha tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

## INNU

1.
Tielgħa x-xemx, f'nirien ta' ħmura:
tistedinna lkoll biex nindmu,
u tfakkarna f'kemm mistħija
naqgħu, jekk fid-dawl nidinbu
2
Ejja nwarrbu minna l-għama
li żmien twil ilu jfixkilna,
u ħariġna bosta drabi
mit-triq t'Alla 'l bogħod mis-sewwa.
3.
Jalla d-dawl fis-sliem iżommna,
biex inħarsu fommna w qalbna
ħielsa minn kull qerq u ħjiena,
minn kull tebgħa w dell ta' ħtija.
4.
Hekk il-jum ngħadduh fit-tajjeb,
ma jkun qatt fid-dlam ilsienna
jew idejna jew għajnejna,
imma l-ġisem kollu jiddi.
5.
Il-Mulej mill-għoli tiegħu,
ta' kuljum iħares lejna;
u, minn tlugħ ix-xemx sa nżulha,
hu jqis kollox, kull ma nagħmlu.
6.
Glorja lill-Missier, lill-Iben,
lill-Ispirtu s-Santu, Alla:
bħalma msebbaħ kien mill-bidu,
hekk jissebbaħ issa w dejjem. Amen.

## SALMODIJA

Ant. 1 O Belt ta' Alla, ħwejjeġ sbieħ hu jgħid fuqek.
L-Għid: Jgħannulek ferħana dawk kollha li jgħammru fik, o Belt ta' Alla, hallelujah.

## Salm 86 (87)

Il-Mulej bena 'l Sijon *
fuq l-għoljiet imqaddsa;

hu jħobb il-bibien tagħha *
aktar mill-għamajjar kollha ta’ Ġakobb.

O belt ta’ Alla, *
ħwejjeġ sbieħ hu jgħid fuqek:
“Ngħodd ‘il Raħab u ‘l Babel *
ma’ dawk li jagħrfuni.
Araw, in-nies tal-Filistja, Tir u l-Etjopja, *
dawn twieldu hemm!”

U għal Sijon jingħad: *
“Ilkoll, il-wieħed u l-ieħor, twieldu fiha!
U Alla l-Għoli nnifsu *
iwettaqha f’postha.”

Jikteb il-Mulej fil-ktieb tal-popli: *
“Dan twieled hemm!”
U jgħannu, huma u jiżfnu, *
dawk kollha li jgħammru fik.

Ant. O Belt ta’ Alla, ħwejjeġ sbieħ hu jgħid fuqek.

Ant. 2 Sidi l-Mulej ġej bil-qawwa, bi ħlasu quddiemu.
L-Għid: Bħal ragħaj jiġma’ l-merħla u jerfa’ l-ħrief fi ħdanu, hallelujah.

**Kantiku (Is 40,10-17)**

Hawn hu Sidi l-Mulej, li ġej bil-qawwa, *
u jaħkem bil-qawwa ta’ driegħu.
Hawn hu bi ħlasu miegħu, *
u r-rebħa tiegħu quddiemu.
Bħal ragħaj li jirgħa l-merħla tiegħu, *
bi driegħu jiġmagħha,
u l-ħrief fi ħdanu jerfagħhom, *
u n-ngħaġ ireddgħu bil-mod imexxihom.

Min kejjel il-baħar f’qiegħ idu, *
jew qies bix-xiber il-wisa’ tas-sema?
Min ġabar it-trab ta’ l-art ġo kejla, *
jew wiżen bi stasija l-muntanji
u b’miżien l-għoljiet?

Min mexxa l-ispirtu tal-Mulej, *
jew urieh x’għandu jagħmel, biex jgħallmu?
Lil min talab parir biex jiftaħlu għajnejh, *
jew biex jgħallmu jġib ruħu bil-ġustizzja,
biex jagħtih id-dawl u l-għerf, *
u jqabbdu t-triq ta’ l-għaqal?

Ara, il-ġnus bħal qatra waħda minn barmil ilma, †
bħal għabra trab f'miżien, hekk qishom! *
Ara, il-gżejjer daqs tibna t-toqol tagħhom!
Is-siġar tal-Libanu m'humiex biżżejjed *
biex bihom tagħmel in-nar;
anqas il-bhejjem tiegħu m'huma biżżejjed *
biex toffri lil Alla sagrifiċċju tal-ħruq.
Il-ġnus kollha qishom xejn quddiemu; *
huma għalih ħwejjeġ fiergħa u battala.

Ant. Sidi l-Mulej ġej bil-qawwa, bi ħlasu quddiemu.
Ant. 3 Għollu bit-tifħir lil Alla tagħna, u nxteħtu quddiem l-għolja mqaddsa tiegħu.
L-Għid: Kbir il-Mulej f'Sijon: hu jaħkem fuq il-popli kollha, hallelujah.

## Salm 98 (99)

Il-Mulej isaltan; jitkexkxu l-ġnus! *
Fuq il-kerubini t-tron tiegħu; ħa titheżheż l-art!
Kbir il-Mulej f'Sijon; *
hu jaħkem fuq il-popli kollha.

Ħa jfaħħru ismek, kbir u tal-biża', *
għax hu qaddis u qawwi.
Int sultan li tħobb il-ġustizzja u waqqaft is-sewwa; *
id-dritt u s-sewwa tagħmel ma' Ġakobb.

Għollu bit-tifħir lill-Mulej Alla tagħna, *
inxteħtu quddiem mirfes riġlejh, għax hu qaddis!

Mosè u Aron fost il-qassisin tiegħu, †
u Samwel fost dawk li jsejħu ismu, *
kienu jsejħu 'l-Mulej, u hu jweġibhom.
F'kolonna ta' sħab kien jitkellem magħhom; *
kienu jħarsu l-preċetti u l-liġi li tahom.
Mulej, Alla tagħna, inti smajthom; †
int Alla li tagħder kont għalihom; *
iżda tħallast ta' l-imġiba ħażina tagħhom.

Għollu bit-tifħir lill-Mulej, Alla tagħna, †
u nxteħtu quddiem l-għolja mqaddsa tiegħu; *
għax qaddis hu l-Mulej Alla tagħna!

Ant. Għollu bit-tifħir lil Alla tagħna, u nxteħtu quddiem l-għolja mqaddsa tiegħu.

## LEZZJONI QASIRA 1 Pt 4,10-11

Kull wieħed minnkom li ħa xi don, jinqeda bih għall-ġid ta' xulxin, bħala amministraturi tajba tal-grazzja ta' Alla, li hi ta' ħafna xorta. Jekk wieħed

għandu d-don tal-kelma, jinqeda bih qisu kliem ta' Alla; jekk wieħed għandu d-don tal-ministeru, iħaddmu qisu bis-setgħa li qiegħed jagħtih Alla, biex f'kollox ikun imsebbaħ Alla permezz ta' Ġesù Kristu.

## RESPONSORJU QASIR

R. B'qalbi kollha ngħajjatlek: * Weġibni, Mulej. B'qalbi.
V. Irrid inħares il-kmandamenti tiegħek. * Weġibni, Mulej.
Glorja. B'qalbi.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Naqdu lill-Mulej bil-qdusija, u jeħlisna mill-għedewwa tagħna.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Naqdu lill-Mulej bil-qdusija, u jeħlisna mill-għedewwa tagħna.

## PREĊI

Alla hu l-Missier li b’imħabba kbira jmexxi l-poplu tiegħu u jagħtih l-għajxien.
Niżżuh ħajr minn qalbna, u b’ferħ kbir ngħidulu:
*Glorja lilek, Mulej għal dejjem.*
Missier ta’ ħniena bla tarf, tkun imfaħħar għall-imħabba li tħobbna:
- inti ta’ l-għaġeb fil-ħolqien tagħna u wisq iżjed fit-tiġdid tagħna.
Fil-bidu ta’ din il-ġurnata imla’ ‘l qalbna bil-ħeġġa li naqduk:
- tkun dejjem igglorifikat bil-ħsibijiet u l-għemil kollu tagħna.
Naddafna minn kull xewqa ħażina:
- agħmel li b’fehma safja nfittxu f’kollox ir-rieda tiegħek.
Iftħilna beraħ il-bibien ta’ qalbna għall-bżonnijiet ta’ ħutna kollha:
- tħallihomx imċaħħda mill-imħabba tagħna ta’ aħwa.

**Missierna**
**Talba**

O Alla ta’ dejjem li tista’ kollox, Ibnek il-waħdieni ġie jżurna mill-għoli bħax-xemx tielgħa u sawwab fuqna d-dawl tal-glorja tiegħek; wassal dan l-istess dawl lill-popli li għadhom fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt. B’Ibnek.

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta’ dejjem.
**Amen.**